MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 22/2005

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attrici u l-konvenut izzewwgu fis-sitta (6) ta' Awissu tas-sena 1988, fil-Knisja ta' San Frangisk, Birkirkara;

Premess illi dan iz-zwieg gie skritt fir-registri tar-Registru Pubbliku bhala Att taz-Zwieg Numru 1361 tas-sena 1998 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness (Dok. A);

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom;

Premess illi l-kunsens inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Awissu 1988 null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita' ta' l-Att taz-Zwieg Numru 1361 tas-sena 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda, u l-affidavits;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-6 ta' Awissu 1988 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali "tal-konvenuta" huwa vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u peress li "il-kunsens inghata" bl-eskluzzjoni posittiva fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Awissu 1988 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 21 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin il-fuq minn sena. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla wara circa sena u nofs. Wara konvivenza matrimonjali ta' erbatax [14] -il sena l-partijiet isseparaw de facto. Jirrizulta wkoll li wara dan iz-zmien il-konvenuta dahhlet f' relazzjoni extra matrimonjali.

Illi l-versjoni[1] ta' l-attur hija fis-sens li malli zzewwgu "mal-ewwel ippreparajna ghat-tfal". Huwa jghid li wara circa 14 – il sena taz-zwieg huwa beda jinnota kambjament fil-konvenuta, kemm fil-konfront tieghu kif ukoll kif bdiet izzomm ruhha. Huwa jilmenta li wara dan iz-zmien ta' konvivenza matrimonjali beda jinnota certu bruda da parti taghha u "bdejt ninnota li Carmen m' ghadhiex thobbni". Huwa jghid pero' li kieku ma kienx ghal danil-fattur huwa ma kellhux problemi fi zwieg. Fi kliemu "Le, dazgur, jiena kont ghaddej tajjeb." Jghid ukoll li matul is-separazzjoni, il-konvenuta "Kienet tghidli li hemm xi hadd iehor fin-nofs."

Minn naha taghha l-konvenuta[2] tikkonferma li matul il-konvivenza matrimonjali ta' 14 – il sena ghexu "flimkien bhala nies normali, pero' jiena ma stajtx nghix mieghu . . . L-ghira li kellu ghaliha ma flahthiex" u ssemmi diversi ezempji f' dan ir-rigward. Imbaghad tghid li, wara "ma' l-ewwel cans li sibt bniedem li kif tefali naqra dan [sic] daqshekk qisni silga gejt u bdiltu."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq id-dispost ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat u huwa fis-sens li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta huwa vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

[1] Dep. fols. 37 *et. seq.*
[2] Dep. fols.46 *et seq.*

matrimonjali jew fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali taghha.

Illi in popositu l-Qorti tirrileva li mill-provi ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta kienet affetta minn inkapacita' psikika jew kostituzzjonali li tgharaf u tirrifletti, jew li tiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Meta zzewwget il-konvenuta kellha l-eta' preskritta mill-ligi li tirrendiha kapaci tidhol f' kuntratt taz-zwieg, u in mankanza ta' provi li juru l-kuntrarju, tibqa' valida l-presunzjoni tad-*discretio iudicii* da parti taghha. Jinghad ukoll li ma rrizultax li dina ma kellhiex certu dixxerniment dwar l-import, ossia d-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali, jew li ma kellhiex il-maturita' affettiva mehtiega sabiex tidhol f' kuntratt taz-zwieg.

Jig osservat li l-fatt li malli l-partijiet izzewwgu dawn mal-ewwel bdew jippreparaw ghat-tfal, tant li circa sena u nofs wara huma kellhom tarbija; kif ukoll, u b' mod aktar qawwi, il-konvivenza matrimonjali twila bejn il-partijiet qabel ma sseparaw minhabba r-relazzjoni extra matrimonjali li dahhlet fiha l-konvenuta, jdghajfu din il-kawzali b' mod li jinnewtralizzawha; kif ukoll idghajjfu dak li sostniet il-konvenuta li hija ma felhitx tghix aktar ma' l-attur minhabba l-ghira kbira li kellu lejha.

Illi l-premess japplika ukoll u b' mod aktar lampanti u qawwi ghat-tieni kawzali sollevata mill-attur, bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat. Ma hemm xejn x' jindika li l-kunsens matrimonjalit tal-partijiet kien vizzjat bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew ta' xi element essenzjali ghall-hajja mizzewwga. Anzi l-provi juru l-kuntrarju; u cioe' li f' dak il-mument il-partijiet riedu jizzewwgu u taw il-kunsens matrimonjali b' mod genwin u liberu.

In fine jigi osservat li l-problemi li bdiet tirriskontra l-koppja, wara zmien twil ta' zwieg, ghalkemm iseru bhala bazi ta' serparazzjoni personali, pero' ma jintegrawx il-*capita nullitatis* formanti l-bazi legali ta' l-azzjoni ta' l-attur.

Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza, "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma jimmeritawx li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici; bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------